KULLEĠĠ SAN INJAZJU
Sekondarja Bniet, tal-Ħandaq
EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2013/2014

**Rotta 3**

IT-TIELET SENA | **Il-MALTI** | ĦIN: Sagħtejn

Isem u Kunjom: ________________________________________ Klassi: __________

## L-istruzzjonijiet għall-istudenti:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**
3. **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

### L-ISKEMA TAL-MARKI *(tikteb xejn hawn taħt)*

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E(i) | E(ii) | F | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 22 | 8 | 10 | 15 | 15 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

## KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## IS-SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**



Kemm għandu kotba z-ziju Pawl fil-librerija. Meta nikber ftit ieħor u nitgħallem **naqra** sewwa rrid naqrahom kollha. *(par.1)*

Hemm wieħed żgħir aħmar jingħalaq b'ċinga qasira u buttuna, iġenninni. Mimli stampi ta' suldati jimxu, jisparaw għarkupptejhom, b'**tattiċi** mill-aqwa, bilwieqfa u mimdudin. Kien jaqrah iz-ziju fil-gwerra meta kien surġent. Is-suldati nħobbhom. Hemm daqs erbgħin ktieb irqiq jgħidulhom tal-mogħdija taż-żmien, mimlijin stejjer. Kultant iz-zija taqrali minnhom. Imma z-ziju le, dak dejjem il-gazzetta jaqra. *(par.2)*

L-isbaħ kotba huma tmienja kbar, bil-qoxra ħamra, u bl-ittri tad-deheb, fuq l-istorja ta' Malta u tal-Knisja. Fihom ħafna stampi. Żewġ stampi jolqtuni wisq. F'waħda hemm gwerra bis-suldati rekbin fuq l-iljunfanti. Fl-oħra hemm żewġ bastimenti f'xatt b'baħar kristall. Dawn qegħdin jisparaw il-balel lejn xulxin u kaptan minnhom, li ta' min jgħid kellu għajn waħda mgħottija, qiegħed jidher jgħajjat biex **isalpaw** 'il barra mix-xatt. Iz-ziju qalli li dawn kienu ħallelin tal-baħar. Din l-istampa impressjonatni u domt naħseb ħafna fuqha u billejl ma statjx norqod. Allaħares kont f'nofs din il-battalja krudili. *(par.3)*

Stampa oħra li ma nixbax nara hija fi ktieb **ċkejken**. Hemm żewġt itfal żgħar rgħajja, bin-nagħaġ fuq għolja kollha ħaxix. Quddiemhom hemm il-Madonna bil-Bambin, imma liebsa libsa sabiħa wisq mimlija kwiekeb. Iz-zija qaltli li dawk tfal bravi jgħidu r-rużarju, u għalhekk dehritilhom il-Madonna. *(par.4)*

Hemm ħafna kotba oħra mimlijin stampi bil-kuluri ta' fjuri, basal u għodda tal-ġnien. Il-fjuri għandhom ismijiet tqal, bil-Latin qalli z-ziju. U tassew qisu l-kliem tal-litanija. L-iżjed stampa li għoġbitni fiha mitħna tar-riħ ħdejn kanal tal-ilma, u għalqa kollha fjuri jgħajtu. Iz-ziju joqgħod jistudjahom dawn il-kotba, għaliex issa hu ġennien ma' wieħed sinjur jgħidulu ċ-Ċisk. Kultant Tittu tal-posta jġiblu ittri ħoxnin, u flok karti jkun fihom żrieragħ tal-fjuri. Kemm jirkibha tajjeb ir-**rota** Tittu! Drabi oħra jġibilna ittri mingħand Salvu ta' Tuneż, bil-bolla li jkun fiha mara b'maktur f'rasha qed ixxerred iż-żerriegħa. *(par.5)*

Il-librerija fiha kexxun dejjem imsakkar. Għandi kurżità kbira nara x'fih, imma għalkemm bil-moħbi ppruvajt iċ-ċwievet kollha, qatt ma rnexxieli niftħu. *(par.6)*

*(Silta meħuda u adattata minn **Fuq l-Għajn ta' San Bastjan** ta' Kilin)*

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

**1.** Agħti isem lil din is-silta.

______________________________ **(marka)**

**2.** Lill-awtur jogħġbu ħafna l-ktieb taċ-ċinga. Għaliex joħġbu dan il-ktieb?

______________________________ **(marka)**

**3.** X'kienet tagħmel iz-zija bil-kotba tal-mogħdija taż-żmien?

______________________________ **(marka)**

**4.** Semmi żewġ raġunijiet li jagħti l-awtur biex juri li t-tmien kotba ħomor kienu l-isbaħ?

a.______________________________ **(½ marka)**

b.______________________________ **(½ marka)**

**5.** Kif induna l-awtur li l-ismijiet tal-fjuri, fil-kotba, kienu veru bil-Latin kif qallu z-ziju?

______________________________ **(marka)**

**6.** X'kien l-aħħar xogħol taz-ziju Pawl?

______________________________ **(marka)**

**7.** Kif taf li z-ziju kien jieħu interess kbir fix-xogħol tiegħu.

______________________________ **(marka)**

**8.** Agħżel stampa waħda li togħġob lil dan it-tfajjel u **fi kliemek** iddeskriviha u għid għalfejn togħġbu.

______________________________

______________________________ **(2 marki)**

**9.** X'taħseb li kien fih il-kexxun imsakkar tal-librerija?

______________________________ **(marka)**

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### LESSIKU / VOKABULARJU

**1.** Ikteb sentenzi b'dawn il-kelmiet biex tagħti tifsira differenti minn kif għandhom fis-silta:

**a.** naqra *(par.1)*______________________________ **(marka)**

**b.** rota *(par.5)*______________________________ **(marka)**

**2.** Agħti kelma waħda bl-istess tifsira flok:

**a.** tattiċi *(par.2)* ______________________________ **(marka)**

**b.** isalpaw *(par.3)* ______________________________ **(marka)**

**ċ.** ċkejken *(par.4)* ______________________________ **(marka)**

**3.** Sib il-kelma mis-silta li tifsser:

a. togħġobni ħafna *(par.2)* ______________________________ **(marka)**

b. ċar ħafna *(par.3)* ______________________________ **(marka)**

ċ. lewn *(par.5)* ______________________________ **(marka)**

### ANALIŻI TESTWALI

**1.** Il-kelma *hemm (par.2)* għal liema post qiegħda tirreferi?

______________________________ **(marka)**

**2.** *Il-librerija fiha kexxun dejjem imsakkar (par.6).* Aħseb f'kelma oħra li tista' toqgħod flok il-kelma *fiha* mingħajr ma tibdel is-sens tas-sentenza:

______________________________ **(marka)**

### SINTASSI

**1.** Aqsam din is-sentenza li ġejja f'żewġ sentenzi:

*Drabi oħra jġibilna ittri mingħand Salvu ta' Tuneż, bil-bolla li jkun fiha mara b'maktur f'rasha qed ixxerred iż-żerriegħa. (par.5)*

______________________________

______________________________ **(marka)**

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA:** Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

**Thomas rass il-basket mal-mejda u spiċċa biex kisser il-vażun. Dan tfarrak f'elf biċċa. Tbikkem u tħawwad meta ftakar kemm kien għal qalb ommu dan il-vażun. Dawwar ħarstu n-naħa l-oħra u dabbar rasu minn fuq ix-xena tad-delitt u mar jiġri 'l barra! Il-ħġieġ intrifes minn ommu u din mill-ewwel xammet xi ħaġa tinten. Ħarġet tgħajjatlu quddiem sħabu kollha u xħin Thomas sema' ismu, hu ħmar. Mar staħba wara ċint imma ommu qabditu u kellu jiskuża ruħu. Wegħidha li mhux ser jerġa' jagħmel hekk.**

Mill-paragrafu sib:

**1.** Verb sħiħ: ___________________ **(marka)**

**2**. Verb sħiħ trux: ___________________ **(marka)**

**3.** Verb dgħajjef: ___________________ **(marka)**

**4.** Verb fit-tieni forma: ___________________ **(marka)**

**5.** Verb fil-ħames forma: ___________________ **(marka)**

**6.** Verb fit-tielet forma: ___________________ **(marka)**

**7.** Verb fis-seba' forma: ___________________ **(marka)**

**8.** Verb fid-disa' forma: ___________________ **(marka)**

**9.** Verb fl-għaxar forma: ___________________ **(marka)**

**10.** X'inhu l-għerq tal-verb *sema'*: ________________ **(marka)**

**11.** X'inhu l-għerq tal-verb *mar*: ________________ **(marka)**

## Ċ. Il-QWIEL u L-IDJOMI (8 marki)

Mill-**Idjomi** dwar **l-annimali** li ltqajt magħhom waqt il-kors ta' studju, agħti l-aħjar risposta għal dan li ġej :

1) It-tfal ta' Marija qishom _____________ __ _____________ għaliex dejjem jiġġieldu. **(marka)**

2) Thomas donnu _____________ _____________. Għadhom is-sebgħa u nofs u diġà daħal jorqod. **(marka)**

3) Toqgħodx _____________ _____________. Kulħadd jaf li kont inti. **(marka)**

4) Miskin, dak _____________ ______ _____________. Filli kien hawn u filli telaqna. **(marka)**

Żewġt **Iqwiel** dwar **Ix-Xorti u l-Fidi** li jsebbħu l-lingwa tagħna huma dawn:
**Kieku kelli nbigħ il-kpiepel in-nies kienu jitwieldu bla rjus.** Ikteb xi jfisser. **(2 marki)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**Taqla' fuq wiċċek u tkanta vittorja.** Ikteb xi jfisser. **(2 marki)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 marki)

**Agħżel A jew B**

**A.** Ikteb avviż ta' madwar **60 kelma** f'ġurnal lokali dwar attività li ser issir fir-raħal tiegħek biex jinġabru l-flus għall-karità.

***JEW***

**B.** Ikteb reklam ta' madwar **60 kelma** dwar il-ħanut ta' sbuħija li għadek kif ftaħt fir-raħal tiegħek.

## E(i) Il-LETTERATURA – Il-Poeżija - Nadriet 3 (15-il marka)

**A.** Din hija silta mill-poeżija **Waħdi.**
**Aqraha u wara wieġeb il-mistoqsijiet billi timla l-vojt:**

**Ftakart fik, ja dar hienja u sabiħa,**
**Dar mimlija bl-imħabba u bil-ġid:**
**Dar missieri, dar ommi, dar ħuti,**
**Dar il-ħidma tal-moħħ u tal-id.**

**1.** Min kiteb din il-poeżija? ____________________________ **(marka)**

**2.** X'tissejjaħ din l-istrofa? ____________________________ **(marka)**

**3.** Kemm-il sillaba fihom il-versi? _____ X'jissejjaħ dan il-vers? _____________________ **(marka)**

**4.** X'tip ta' rima hija użata fil-poeżija? _________________________ **(marka)**

**5.** Xi nsejħula t-teknika ta' meta l-poeta jirrepeti l-kelma fil-bidu? X'inhu l-effett tagħha?

______________________________________________________________________________**(2 marki)**

**6.** Fisser il-vers: ***"Dar il-ħidma tal-moħħ u tal-id."***

______________________________________________________________________________**(marka)**

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

**1.** Xi nsejħulu x-xogħol letterarju ta' **Pitiross** ta' Victor Fenech?

___________________________________ **(marka)**

**2.** F'**Arizona** ta' Achille Mizzi nsibu l-vers: ***"Xtieli muxgħara jiegħxu bit-tixwik,".*** Din il-figura tad-diskors hi: (a) apokope ❑; (b) anafora ❑; (ċ) alliterazzjoni ❑. **(marka)**

**3.** F'madwar **50 kelma**, ikteb il-ħsieb tal-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** ta' Ġorġ Borg.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________**(6 marki)**

## E(ii) Il-LETTERATURA – Il-PROŻA (15-il marka)

**A.** Dawn il-mistoqsijiet huma fuq in-novelli mill-ktieb **Stejjer Għal Qabel Jidlam** ta' Oliver Friggieri.

**1.** Bejn min saret id-diskursata fl-istorja **Ix-Xemx fuq it-Tieqa?**

_______________________________________________ **(marka)**

**2.** Ix-xemx hija metafora tal- _______________________________ **(marka)**

**3. (a)** Fin-novella **L-Ewwel Telefonata** ltqajna ma' diversi temi. Ngħidu aħna hemm il-mentalità tar-raġel bħala l-kap tal-familja u dik tad-dinja teknoloġika. Agħżel **tema waħda** u billi tirreferi għal episodji li ġraw fl-istorja kkummenta kif din it-tema għadha relevanti għall-ġurnata tal-lum.

**JEW**

**(b)** Fin-novella **It-Tifel tal-Baħar** niltaqgħu mat-tema tal-imħabba. Irrakkonta fil-qosor l-istorja u uri kif dehret l-imħabba tal-iben lejn l-omm u l-imħabba tal-omm lejn l-iben.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ **(8 marki)**

**B.** Dawn il-mistoqsijiet huma fuq in-novelli mill-ktieb **Stejjer taċ-Ċarrut** ta' Tarċisio Zarb.

**1.** Fejn kien mar jgħix James Grech wara li telaq lil ommu?____________________________ **(marka)**

**2.** Għalfejn kien biddel id-dehra tiegħu James Grech?
______________________________________________________________________________ **(marka)**

**3.** Wara żmien twil ta' xita u maltemp, iż-żerriegħa li ma gergritx ħarġet rasha minn ġol-______________ **(marka)**

**4.** Luca kien baqa' ħaj (a) sena ❑, (b) ġimgħa ❑, (ċ) xahar ❑, wara l-inċident li kellu. **(marka)**

**5.** Għalfejn it-tifla ħassitha bi tqila biex tikteb poeżija fl-istorja **Ikteb Poeżija**?
______________________________________________________________________________**(marka)**

## F. Il-KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel <u>**WIEĦED**</u> minn dawn u ikteb madwar **250 kelma**. **(Attenta għall-iżbalji ortografiċi peress li dawn itellfu ħafna marki).**

**1.** L-aħħar darba li kont fuq tal-linja ġralek inċident żgħir u ridt l-art tibilgħek. X'kien ġralek? U għaliex kont stħajt quddiem dawk in-nies kollha?

**2.** Ħafna jgħidu li t-*tablets* fil-klassi tal-iskola se jkunu ta' tfixkil, waqt li oħrajn jgħidu li dawn se jiswew ta' għajnuna kbira lill-istudenti. Iddiskuti.

**3.** Ikkummenta fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-mara meta din tmur taħdem.

**4.** Il-veduta mit-tieqa tal-klassi.

***Pjan tal-Kitba:***

***Numru tal-komponiment***

▼